MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 39/2005

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Anthony Cutajar abbazi tal-polza ta assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Anthony Cutajar**

**Vs**

**Etienne Chetcuti**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta Jannar 2005 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm169.33) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur fl-incident stradali li gara fit-30 ta Jannar 2004 gewwa B'Bugia bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut numru JBB 928 u dik proprjeta ta u misjuqa mill-attur Cutajar numru BAH 327 ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta Settembru 2004 u ta l-ittra ufficcjali prezentata

kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut li minn issa l-istess konvenut jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta Jannar 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li tallega li ma kellu ebda htija ghall-incident stradali in kwistjoni.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti fosthom diversi ritratti tal-lok fejn gara l-incident oltre li nzamm access fuq is-sit in kwistjoni mill-istess Gudikatur.

Sema lill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kollizjoni meritu ta dina l-kawza sehhet bejn zewg vetturi gewwa Triq il-Kummerc pero ukoll tista tghid fl-estenzjoni ta Triq San Filippu, B'Bugia. Illi bla ebda dubbju jigi osservat li l-mod kif it-traffiku gewwa dawn iz-zewg toroq jiltaqghu ma xulxin huwa perikoluz ferm u jista jaghti lok ghal diversi incidenti partiikolarment meta tqis li fid-data ta l-incident ma kienu jezistu ebda sinjali tat-traffiku u fit-tieni lok minn kul naha mnejn tkun gej ma tistax tara u cioe ma ghandekx vizwali tal-vetturi gejjin mit-trieq opposta u vice versa.

Illi difatti mill-provi prodotti cioe mix-xhieda tas-sewwieq u mill-iskizz u rapport tal-pulizija rrizulta li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh meta l-attur ried idur minn triq il-Kummerc ghal gewwa Triq San Filippu filwaqt li l-konvenut kien hiereg minn Triq San Filippu jaqsam triq il-kummerc u jissokta f' triq San Filippu. Ebda sewwieq ma ra lill-iehor f'hin bizzejjed biex jaghmel manuvra halli jevita l-impatt ghalkemm l-attur jallega li huwa kien wieqaf fil-mument tal-habta. Il-velocita taz-zewg vetturi kien minimu tassew kif jirrizulta kemm mix-xhieda taghhom u kif ukoll mill-entita tad-danni subiti ghalkemm il-vettura tal-konvenut baqghet titkaxkar ftit aktar il-quddiem mill-punt tal-impatt.

Il-konsulent legali tal-konvenut argumenta li hawn si tratta ta “roads of equal importance” u kwindi l-attur kellu jaghti d-dritta lill-konvenut stante li ta l-ahhar kien gej minn naha tal-lemin tieghu. It-Tribunal ma jaqbilx ma dan l-argument fil-kaz in ezami peress illi l-habta grat fit-trieq mnejn kien gej l-attur u mhux fl-intersection bejn iz-zewg toroq. Illi l-attur kien ghadu ma wasalx fl-imsemmija intersection biex se mai jcedi lill-vetturi hergin minn St Philip street, dejjem jekk kellu tali obbligu. Minn naha l-ohra il-konvenut kien f’sitwazzjoni li biex ikompli jaqbad St Philip street, kellu ta bilfors jaqsam it-trieq mnejn kien gej l-attur u cioe minn Triq il-Kummerc u mnejn kien gej l-istess konvenut, huwa ma kellux vizwali tat-traffiku tiela minn Triq il-Kummerc. Illi ghalhekk minnhabba l-konfigurazzjoni ta dawn iz-zewg toroq, it-Tribunal ihoss li kien l-obbligu tal-konvenut sabiex izomm proper look out kif jesigu r-regolamenti tas-sewqan illi kif jasal fil-kantuniera, huwa kellu jieqaf, ghalkemm ma kellux stop sign, halli jara hux gej traffiku minn Triq il-Kummerc qabel ma jaqsam l-istess Triq il-Kummerc biex jipprocedi fi triq San Filippu. Dan certament naqas li jaghmlu peress li ex admissis l-istess konvenut ighid li naqqas pero ma waqafx zopptu u difatti wara l-impatt baqa jitkaxkar ‘l hinn mill-punt tal-habta ghal ftit distanza ohra.

Illi gie dikjarat li ma hemmx kontestazzjoni fuq il-valur tad-danni subiti..

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk qieghed jichad l-eccezzjoni minnu sollevata, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm169.33) bl-imghax legali dekorribbli millum u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------